MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Numru. 83/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**ALFRED SAMMUT**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alfred Sammut bin Michael u Carmela nee Portelli imwieled fil-5 ta' Lulju 1949 u residenti 'West End', Triq San Blas, Nadur, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 57749 G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-20 t'Ottubru 2003 u fit-tletin jum li jigu qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, naqas li japplika ghar-registrazzjoni mall-Kummisarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fi zmien tletin jum mid-data li fiha ghamel provvista taxxabbli u dan bi

ksur ta’ l-artikoli 10 u 76 ta’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta’ l-1998);

Akkuzat ukoll talli fl-20 t’Ottubru 2003, f’dawn il-gzejjer naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 ta’ l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) ta’ l-Att Nru XXIII ta’ l-1998;

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u fl-istess post fixkel, jew tellef jew xekkel jew dejjaq jew ghamel xi haga bil-hsieb li jfixkel, itellef jew idejjaq lil Carmel Cassar u Ignatius Micallef spetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mahturin skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienu qed iwettqu kif imiss setghat u dmirijiet moghtija jew imposti fuqhom bis-sahha ta’ l-istess Att u dan bi ksur ta’ l-artikolu 79 ta’ l-Att Nru XXIII ta’ l-1998;

Il-Qorti giet mitluba tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista’ jaghmel dan, liema zmien m’ghandux jeccedi tlett xhur, taht penali ta’ mhux inqas minn zewg liri (Lm2) u mhux iktar minn ghaxar liri (Lm10) ghal kull zmien li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 10, 51, 76, 77(a) u 79 ta’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta’ l-1998);

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe` lil Carmel Cassar u Ignatius Micallef u lill-imputat jixhed minn jeddu b’mod volontarju u lil mart l-imputat fil-provi difiza;

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi mill-provi prodotti anke mix-xhieda ta’ l-imputat stess jirrizulta li l-imputat kien qed jaghti servizz meta ma kienx

irregistrat mall-Kummissarju tat-Taxxa fuqi l-Valur Mizjud billi hu kien jiehu hamsa u ghoxrin centezmu (25c) lil kull persuna li kienet taghmel uzu mit-toilet li hu kellu mall-boathouse fil-bajja ta' San Blas;

Jirrizulta mix-xhieda li l-imputat gab ruhu hazin ma' l-ufficcjali tal-V.A.T. billi hu beda jsabbat u jkisser. Illi l-imputat jispjega li huwa jbati mid-depression u ghalhekk agixxa bil-manjiera kif agixxa u meta l-Kummissarji tal-V.A.T. introducew ruhhom mieghu huwa ma fehmhomx u ghalhekk kien daqshekk arkajist;

Ill ghalhekk il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuza taghha fil-konfront ta' l-imputat u tikkunndannah ghall-multa komplessiva ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300);

Oltre dan tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-Ligi fi zmien tlett xhur mil-lum u dan taht penali ta' tlett liri Maltin (Lm3) kuljum fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------